# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 304/01mm**

**Chef Choice Ltd**

**vs**

**Alfred Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm432.00) liema somma tirraprezenta prezz mhux imhallas ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez,  inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.